**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Diċembru, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Stevan Stancic**

**(Numru tal-Passaport Serb: 140900)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Stevan Stancic** li ġie akkużat talli nhar is-27 ta' Diċembru tal-2022, waranofsinhar, minn ġewwa l-ħanut Eurosport li jinsab fit-Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ikkommetta serq sempliċi ta' diversi oġġetti ta' ħwejjeġ għad-detriment ta' Maria Christina Peresso;

L-istess **Stevan Stancic** ġie akkużat ukoll talli fis-26 ta' Novembru tal-2022, waranofsinhar minn ġewwa l-ħanut Eurosport li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan, ikkommetta serq sempliċi ta' diversi oġġetti ta' ħwejjeġ għad-detriment ta' Maria Christina Peresso.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti se ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ammetta mal-ewwel okkażjoni li kellu, li kkopera mal-Pulizija u li għandu fedina penali netta.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (b), 18 u 284 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Stevan Stancic** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal erba' (4) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**